**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju 2018**

**Mandat Revoka Numru: 310/2018 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru ta' referenza 354/2018 fl-ismijiet:**

**Dooga Limited, soċjeta' estera inkorporata taħt il-liġi Ingliża u b' numru ta' reġistrazzjoni 04430228 u bl-uffiċju reġistrat fi c/o Gordon Dadds Corporate Services Limited, 6, Agar Street, London WC2N 4HN, United Kingdom kif debitament rappreżentata lokalment mill-mandatarju speċjali tagħha Simone Camilleri (Passport Malta numru 1216602)**

**vs.**

**Pay Secure Online Limited (C70298)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors b' urġenza tas-soċjeta' Pay Secure Online Limited, datat 5 ta' April 2018, a fol 1 et seqq li jaqrha hekk:

1. Illi fit-2 ta' Marzu, 2018 Dooga Limited ippreżentat rikors fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toħroġ mandat ta' sekwestru fil-konfront tas-soċjeta' esponenti Pay Secure Online Limited għal ammont ta' ħamsa u tletin miljun, ħames mija u ħmistax-il elf ħames mija u disgħa u tletin Ewro u disa' ċenteżmi (€35,515,539.09), liema talba ġiet milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Marzu, 2018;

2. Illi kif ser jiġi spjegat f' dan ir-rikors, it-talba għal ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, hija frivola, vessatorja, malizzjuża, mhux neċessarja u sempliċiment intiża biex issir pressjoni fuq Pay Secure Online Limited sabiex tilħaq ftehim bonarju ma' Dooga Limited;

3. Illi għalkemm il-mertu tal-każ ser jiġi inevitabbilment diskuss u kopert matul il-proċeduri tal-arbitraġġ li ġew istitwiti minn Pay Secure Online Limited u li għadhom sal-lum pendenti bejn il-partijiet, sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem aħjar il-każ de quo jeħtieġ li jinġiebu formalment għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ċertu fatti;

4. Illi Dooga Limited intavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju **wara** li ġiet notifikata bil-proċeduri tal-arbitraġġ li ġew intavolati minn Pay Secure Online Limited kontra Dooga Limited fit-28 ta' Frar, 2018 stante li kien hemm ksur serju tal-Merchant Contract, liema kuntratt issir referenza għalih fl-istess mandat ta' sekwestru hawn msemmi;

5. Illi t-tlett klijienti msemmija fil-mandat ta' Dooga Limited kienu ittrasferew flus lil Dooga Limited sabiex jixtru Bitcoins, liema Bitcoins ġew misruqa mingħand l-istess klijienti waqt allegat inċident ta' hacking. In vista ta' dan, il-klijienti ta' Dooga Limited bagħtu ittri legali kemm lil Dooga Limited u anke lil Pay Secure Online Limited, f'liema ittri huma talbu li jiġu rifużi l-ammonti li huma ħallsu la darba skont huma qatt ma irċivew il-Bitcoins;

6. Illi fl-ittri legali mibgħuta mill-avukat ta' dawn il-klijienti, kemm Dooga Limited u anke Pay Secure Online Limited ġew avżati li f'każ li l-klijienti ta' Dooga ma jiġux rifużi l-ammonti li huma ħallsu, huma kienu se jistitwixxu proċeduri legali kontra ż-żewġ partijiet;

7. *Illi Pay Secure Online Limited ma kienitx involuta f' dan l-inċident ta' hacking u għalhekk mingħajr ma riedet ġiet involuta possibiliment f'kawża ċivili għal danni u dan minħabba l-azzjonijiet u/jew ommissjonijiet ta' Dooga Limited;*

8. *Illi mill-investigazzjonijiet li setgħet tagħmel Pay Secure Online Limited, irriżulta li hemm raġunijiet fondati biex tissuspetta serjament li kienet Dooga Limited jew l-impjegati u/jew ir-rappreżentati tagħha stess li kienu ħadu l-Bitcoins imsemmija u li iffrodaw il-klijienti in kwistjoni;*

9. *Illi fil-frattemp il-klijienti ta' Dooga Limited talbu lil Banek Ċiniżi rispettivi tagħhom sabiex jirkupraw il-flejjes relattivi li huma ħallsu;*

10. *Illi l-Banek Ċiniżi ibblokjaw dawn il-flejjes li huma kellhom f' idejhom u liema flejjes kellhom jiġu mogħdija lil Dooga Limited u li kienu jammontaw għal ċirka 29 miljun Ewro, u minħabba il-prassi tal-Banek Ċiniżi dawn il-flejjes jew se jiġu mogħtija lill-klijienti in kwisjtoni jew, skont id-deċiżjoni tal-Banek, se jiġu mogħtija lill-Awtoritajiet Ċiniżi;*

11. *Illi Pay Secure Online Limited mhijiex fil-pussess ta' u m' għandhiex aċċess għal dawn il-flejjes u ma tistax tgħaddi dawn il-flejjes lil Dooga Limited;*

12. *Illi fi rigward tal-ammont rimanenti ta' cirka 6.7 miljun Ewro, dan l-ammont qiegħed jinżamm minn Pay Secure Online Limited ai termini tal-provvedimenti tal-Merchant Contract u dan sakemm Pay Secure Online Limited titħalla teżegwixxi audit sabiex tiddetermina jekk kienx hemm attivita frawdolenti da parte ta' Dooga Limited, liema audit Pay Secure Online Limited hija awtorizzata li teżegwixxi ai termini tal-Merchant Contract;*

13. *Illi Dooga Limited ġiet mitluba repetutament minn Pay Secure Online Limited sabiex tikkjarifika s-sitwazzjoni u sabiex tagħti aċċess lil Pay Secure Online Limited għall-computer system tagħha, u dan kif hemm hemm prodvut fil-Merchant Contract sabiex tkun f'posizzjoni teżegwixxi l-investigazzjonijiet/l-audit tagħha rigward is-sitwazzjoni;*

14. *Illi mingħajr ebda raġuni valida Dooga Limited iddeċidiet li ma tikkoperax u dan bi ksur tal-Merchant Contract;*

15. *Illi minħabba tali nuqqas ta' ko-operazzjoni estrema da parte ta' Dooga Limited, Pay Secure Online Limited ma kellha ebda għażla oħra għajr li tistwixxi l-proċeduri ta' arbitraġġ relattivi sabiex tkun tista' tipprova tirrisolvi l-kwistjoni ma' Dooga Limited and tillimita r-responsabilita' tagħha in vista ta' dak li ġara;*

16. *Illi kif huwa evidenti minn dak li ġa ingħad u mingħajr ma nidħlu aktar fil-mertu ta' dan il-każ u kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem, il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kien totalment mhux neċessarju u intiż biss sabiex ixekkel, jikkawża ħsara u jagħmel pressjoni fuq Pay Secure Online Limited, u dan speċjalment jekk vera ma hemm ebda frodi da parte ta' Dooga Limited l-istess Dooga Limited ma kellu jkollha ebda problema tawtorizza lil Pay Secure Online Limited sabiex teżewgwixxi l-investigazzjonijiet/l-audit tagħha;*

17. *Illi minħabba dak hawn fuq espost, l-ammont mitlub huwa prima facie mhux ġustifikat u mhuwiex raġonevoli li dan il-mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ, la darba parti mill-flejjes, ċirka 27 miljun Ewro, mhumiex fil-pussess ta' Pay Secure Online Limited stante li terzi intavolaw il-proċeduri relattivi sabiex jibblokjaw u jiġbru lura dawn il-flejjes. Pay Secure Online Limited ma kellha u m'għandha ebda kontroll fuq l-azzjonijiet ta' terzi u kif ukoll, Dooga Limited m'hijix qegħda tikkopera sabiex tirrisolvi din il-kwistjoni;*

18. *Illi dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kien intiż biss sabiex malizzjożament tiġi kkaġunata ħsara lil Pay Secure Online Limited u infatti kien biss wara ċirka erbgħa u għoxrin (24) siegħa li Dooga Limited ġiet notifikata bil-proċeduri relattivi ta' Arbitraġġ fejn Pay Secure Online Limited talbet, fost diversi talbiet, sabiex Dooga Limited tiġi ordnata tħallas lil Pay Secure Online Limited għad-danni u telf soffert minnha minħabba l-ksur tal-Merchant Contract da parte ta' Dooga Limited u sabiex tawtorizza lil Pay Secure Online Limited teżegwixxi investigazzjoni fil-kawża in kwistjoni;*

19. *Illi huwa evidenti miż-żmien li fih ġie intavolat dan il-mandat ta' sekwestru* kawtelatorju, *dan il-mandat ta' sekwestru kien sar biex bi tpattija u sabiex jagħmel pressjoni fuq Pay Secure Online Limited, u dan speċjalment meta wieħed jieħu in* kunsiderazzjoni *l-ammont eċċessiv tas-*sekwestratarji *indikati fl-istess mandat ta'* sekwestru relattivi;

20. *Illi b'żieda ma' dak hawn fuq espost, ikun prudenti li l-proċeduri relattivi relatati mar-revoka ta' dan il-mandat ta' sekwestru jinstemgħu bil-magħluq u li l-*pubbliku *ma jingħatax aċċess għal-*inkartament *tal-proċess tal-proċeduri in kwistjoni, għaliex mhux* biss *ir-reputazzjoni taż-żewġ partijiet hija fil-*periklu *u li l-proċeduri tal-Arbitraġġ ġew istitwit b'mod kunfidenzjali, iżda* ukoll informazzjoni personali li tirrigwarda *l-assi* personali *u l-identitajiet ta' terzi persuni li mhumiex parti minn dawn il-proċeduri hija involuta u liema informazzjoni f' każ li tkun aċċessibli għall-pubbliku tista' tippreġudika d-drittijiet ta'* dawn il-klijienti skont *il-liġi, inkluż iżda mhux limitatament għad-drittijiet tagħhom ta' data protection. Kif ukoll, huwa importanti li l-proċeduri jinstemgħu bil- magħluq u li l-*inkartament *tal-proċess ma jkunx aċċessibili għall-pubbliku, sabiex iż-żewġ partijiet jevitaw milli jkunu qegħdin jiksru kwalunkwe obbligi ta' kunfidenzjalita lejn dawn l-*istess klijienti;

21. *Illi stante li Dooga Limited hija kumpannija reġistrata fl-*Inghilterra, *filwaqt li r-rappreżentati ta' Pay Secure Online Limited huma kollha ċittadini Ingliżi u ma jifhmux il-Malti,* ikun opportun illi *l-proċeduri jitmexxew bil-lingwa Ingliża u li jintuża l-Ingliż fl-istadji sussegwenti ta' dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqsant in vista tas-*suespost, *l-esponenti rispettożament titlob lil din l-*Onorabbli Qorti *sabiex:*

1. *Tisma' il-kawża in kwistjoni bil-magħluq ai termini tal-*artikolu 22 tal-*Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proeċeduri Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*
2. Tordna li *l-proċess u l-inkartament proċesswali relatati ma' dawn il-proċeduri ma jkunux aċċessibili għall-pubbliku ġenerali u li l-aċċess ikun awtorizzat biss lill-partijiet* involuti;

3. *Tordna li l-proċeduri relattivi jsiru bil-lingwa Ingliża ai termini tal-artikolu 2(a) u 2(d) tal-Att Dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż) (Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta);*
4. *Tirrevoka il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru ta' referenza 354/2018 maħruġ fl-ismijiet hawn ċitati fit-2 ta' Marzu, 2018, stante li l-ammont indikat mhuwex prima facie ġustifikat ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u/jew fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhuwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ u mhux neċessarju u mhux ġustifikat ai termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proeċeduri Ċivili;*
5. *Tikkundana u tordna lil Dooga Limited sabiex tħallas penali ai termini tal-artikolu 836(8)(d) tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proeċeduri Ċivili;*
6. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li m' għandix tilqa' t-talbiet tal-esponenti għar-revoka ta' dan il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, tordna u tikkundanna lil Dooga Limited, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, sabiex tagħti garanzija xierqa lill-esponenti, għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta, u għal kwalunkwe spejjeż, danni u interessi ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna li f' każ li din is-sigurta' mhijiex /mogħtijia entro t-terminu ffissat il-mandat ta' sekwestru relattiv għandu jiġi rexiss.*

*U dan taħt dawk it-termini u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti tqis li huma ġusti u opportuni fil-każ.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni li l-esponenti tista' tkun intitolata li tintavola għal kwalunkwe danni li jista' jkun ġa sofriet u/jew se ssofri b'riżultat tal-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kontra tagħha, inkluż iżda mhux limitatament għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni hekk ikkontemplat taħt l-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il- ligi.

Rat ir-risposta ta' DOOGA LTD kif debitament rappreżentata lokalment mill-mandatarju speċjali tagħha Simone Camilleri (Passaport Malti numru 1216602), datat 13 ta' April 2018, a fol 17 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors intavolat mis-soċjeta' sekwestrata Pay Secure Online Limited ('PaySec') li jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju*

*ottjenut mis-soċjeta' sekwestranta DOOGA LTD ('Dooga') b'numru 354/2018 u dan ai termini tal-Artikoli 836 (1)(d) u (f) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili (Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Illi bla tlaqliq qiegħed jingħad li r-raġunijiet li trid il-liġi għar-revoka ta' mandat kawtelatorju skont Artikoli 836 (1) (d) u (f) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili sempliċement ma jeżistux, u għaldaqstant, dan ir-rikors tas-soċjeta' sekwestrata għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż.*

3. *Illi skont ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, ormai kostanti, l-apprezzament meħtieġ minn din l-Onorabbli Qorti f'dawn it-tip ta' proċeduri huwa waħda ta' prima facie (ara Philip Azzopardi vs Rosina Cassar et mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2016 u Property F Limited vs F. Media (Operations) Limited mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2016—it-tnejn li huma minn din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta).*

   *Illi għandu jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwisiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abusiv (ara Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et mogħtija fit-23 ta' Ġunju 1994 mill-Qorti Kummerċali).*

   *Illi dan ifisser illi l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jigi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti jew tribunal (ara Vincent Mercieca vs George Galea mogħtija fid-29 ta' Novembru 2001 minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta).*

4. *Illi r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwisjtoni jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali kollha tal-liġi u kategorikament tgħid li l-mandat intalab għall-*

*unika skop li jiġi kkawtelat id-dritt ta' azzjoni tas-soċjeta' sekwestranta Dooga li llum huwa suġġett ta' proċeduri arbitrali quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Malti.*

5. *Illi dan ir-rikors huwa sempliċement attentat ieħor minn PaySec sabiex tiġi manipulata l-istorja ta' kif vera ġraw l-affarijiet. Dooga qiegħda tiġi illegalment imċaħħda minn €6,669,154.04 u 225,362,383.24 CNY (Chinese Yuan Renminbi) minn PaySec u l-istess PaySec, flimkien mal-konstellazzjoni intrikata ta' kumpanniji affiljati magħha f'offshore jurisdictions, d-diriġenti tagħha, membri tal-familja tal-istess diriġenti u/jew ma' sħab magħrufa tal-istess, ħolqu fizzjoni assoluta u ċioe' inċident tal-"hacking" billi użaw l-identita' ta' 3 individwi Ċinizi sabiex jaħtfu 2,869 bitcoins u wkoll iżommu f'idejhom l-flejjes indikati hawn fuq—liema flejjes kienu prezz imħallas għall-bitcoins mibjgħuha u riċevuti mill-istess 3 individwi Ċinizi mingħajr ebda kontestazzjoni. Li ġara* ***<u>wara</u>*** *dan il-bejgħ u x-xiri ġie komplut hija materja li ser tiġi trattata fid-dettal fil-proċeduri arbitrali fuq imsemmija u hija kompletament immaterjali u barra mill-ambitu tat-tilwima kuntrattwali. Fl-essenza tagħha l-pretensjoni tas-soċjeta' sekwestranta Dooga hija waħda purament u kjarament kuntrattwali ai termini tal-Merchant Contract (for CUP Payments) iffirmat fit-12 ta' Mejju 2017. Għall-benefiċċju ta' din l-Onorabbli Qorti, l-fatti li taw lok għal din it-tilwima qed jiġu sottolineati hawn taħt fil-qosor:*

   a. *PaySec u Dooga ffirmaw Merchant Contract (for CUP Payments ) fit-12 ta' Mejju 2017;*
   b. *F'Jannar 2018, 3 klijenti Ċiniżi, A, B u C, fetħu tliet kontijiet individwali ma' Dooga fuq l-online platform tagħhom li jisimha "Cubits" sabiex jixtru bitcoins (BTC/XBT) u sabiex jgħaddu l-flejjes għax-xiri tal-bitcoins dawn it-3 klijenti kienu jużaw lill-PaySec bħala payment channel għall-iproċessar tal-pagament għall-bitcoins;*
   c. *Dawn it-3 klijenti Ċiniżi, li huma magħrufa lil xulxin u li aġixxew fl-istess ħin f'kollużjoni evidenti, akkwistaw il-bitcoins billi apparantement jgħaddu flejjes tramite PaySec u suppost tramite China Union Pay, payment service provider ta' fama tajba bbażati Shanghai, Ċina;*
   d. *Fil-każ ta' dawn it-3 klijenti Ċiniżi, is-sistemi ta' PaySec ikkonfermaw lil Dooga li rċevew l-ammont totali ta' 225,362,383.24 CNY għal varji tranżazzjonijiet. Dawn l-ammonti kienu wkoll ikkonfermati mill-online*

*merchant dashboard ta' PaySec stess li kien iddedikat għal Dooga. Tajjeb li wieħed jgħid li l-informazzjoni u d-dettali fuq dan id-dashboard tneħħew wara li l-mandat ta' sekwestru de quo inħareġ. Dan l-ammont ta' 225,362,383.24 CNY kien ikkonfermat lil Dooga minn varji account manager li jaħdmu ma' PaySec. Għall-benefiċċju ta' din l-Onorabbli Qorti, wara kull konferma rispettiva minn PaySec, Dooga kienet tibgħat l-ammont ekwivalenti f'bitcoins fil-wallet tal-klijent rispettiv u dan sal-ammont globali ta' 2,869 bitcoins. Dan il-wallet huwa provdut minn Dooga tramite l-platform tagħha li jisimha "Cubits" u dan il-wallet huwa mezz sigur kif kull wieħed mill-klijenti jżomm il-bitcoins u jkollu aċċess għall-istess bilanċ ta' bitcoins. Għal kull buon fini, qiegħed jiġi preċiżat li sal-ġurnata tal-lum Dooga qatt ma kienet vittma ta' xi system breach;*

e. *Dawn it-3 wallets ta' dawn it-3 klijenti ġew allegatament hacked fil-5 ta' Frar 2018 u t-totalita' tal-2,869 bitcoins insterqu. Iċ-ċirkostanzi ta' dan il-hack huma dubjużi, imma jippuntaw lejn kollużoni bejn it-3 klijenti u l-istess PaySec. Fi kwalunkwe każ, u f'dak l-istadju, il-bejgħ u x-xiri tal-bitcoins kien komplut; l-pagament tal-istess kien ikkonfermat minn PaySec; u l-bitcoins kienu diġa mgħoddija lit-3 klijenti Ċiniżi;*

f. *Il-fatt li l-bitcoins ġew mgħoddija lit-3 klijenti Ċiniżi fit-3 wallets qatt u qatt ma kien ikkontestat minn ħadd—la minn PaySec u lanqas mit-3 klijenti Ċiniżi;*

g. *PaySec hija, ai termini tal-Merchant Contract, "liable for the funds from the moment it transacts to the moment it settles, either domestically or internationally" skont klawżola III.i. tal-istess ftehim. PaySec tibqa' kuntrattwalment responsabbli għal kwalunkwe chargeback u l-unika obbligazzjoni ta' Dooga kienet u tibqa' li tgħaddi l-bitcoins lill-klijenti kif u biss meta PaySec tikkonferma li l-pagament wasal. In fatti, klawżola III F tal-istess ftehim taqra hekk: "No chargeback fees shall however be imposed by PaySec to the Merchant." Fi kwalunkwe każ l-allegazzjoni li kien hemm xi chargeback hija kompletament in arja u ma ssib il-konfort tal-ebda prova;*

h. *Dooga dejjem kienet adempjenti mal-obbligi kuntrattwali tagħha;*

i. *PaySec issa qiegħda tirrifjuta li tgħaddi l-ammont ta' 225,362,383.24 CNY lil Dooga allavolja kienet PaySec stess li kkonfermat li wasslulha l-flejjes u tat istruzzjonijiet lil Dooga sabiex, tramite "Cubits", tgħaddi l-ammont*

*ekwivalenti ta' bitcoins lit-3 klijenti. PaySec qiegħda* ***wkoll*** *iżżomm bla ebda bażi ġuridiku ammont ieħor ta' €6,669,154.04 li huwa kompletament mhux relatat mal-hacking imsemmi hawn fuq. Tajjeb wieħed jgħid ukoll li l-ftehim bejn il-partijiet ma jippermetti l-ebda tpaċija.*

6. *Illi ir-rikors de quo huwa bbażat purament fuq konġettura u allegazzjoni in arja u għalhekk għandu jiġi miċħud minħabba, fost oħrajn, dawn ir-raġunijiet:*

   a. *Primarjament, in kwantu l-Artikolu 836(1)(d), l-ammonti indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru jirriflettu żewġ ammonti tal-flejjes li misshom tħallsu minn PaySec lil Dooga.*

   *L-ewwel ammont ta' €6,669,154.04 huwa, b'ammissjoni ta' PaySec stess, dovut lil Dooga, imma qed jinżamm minn PaySec taħt l-ebda bażi kuntrattwali jew legali sakemm PaySec tikkonkludi dawn l-investigazzjonijiet u audits li allegatament qiegħda tgħid li qed tagħmel.*

   *It-tieni ammont ta' €28,846,385.05 huwa fil-fatt ewkivalenti għal 225,362,383.24 CNY liema flejjes huwa dawk li suppost PaySec irċiviet mit-3 klijenti Ċiniżi u liema flejjes huma dovuti lil Dooga anke b'ammissjoni ta' PaySec stess.*

   *Illi d-dritt ta' Dooga sabiex tirċievi dawn il-flejjes huwa evidentissimu (anke jekk prima facie) mit-termini tal-Merchant Contract kif ġie spjegat aktar 'il fuq. Sal-lum il-ġurnata, PaySec, probbabli minħabba li qiegħda f'kollużjoni mal-awturi stess tal-hacking u/jew minħabba li probabilment kienet hi stess li orkestrat fizzjoni li kienet irċiviet il-flejjes sabiex tisraq bitcoins, qiegħda issa żżomm dawn il-flejjes li kienu l-prezz għal dawn il-bitcoins.*

   *L-ammonti ndikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru ma humiex xi invenzjoni jew fantażija ta' Dooga.* ***Dawn huma l-istess ammonti li ġew speċifikament ikkonfermati minn PaySec stess lil Dooga bħala flejjes li wasslu fil-pussess tagħha għall-benefiċċju ta' Dooga****. Għalhekk, Dooga talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru de quo sempliċement sabiex*

*tikkawtela l-pretensjoni tagħha għal dawn l-ammonti tal-flus kif ikkonfermati minn PaySec—**<u>la ċenteżmu aktar u lanqas wieħed aktar</u>**.*

*L-istess ammonti ġew mitluba fid-Demand for Arbitration u fl-iStatement of Claim intavolati minn Dooga fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Malti. F'dawn il-proċeduri arbitrali, Dooga qiegħda wkoll titlob l-ħlas ta' danni kkaġunati lilha minn PaySec, pero', minħabba li dak l-ammont ta' danni għadu mhux likwidat, Dooga kienet kawta biżżejjed li dik il-pretensjoni ma tiġiex ikkawtelata permezz tal-mandat ta' sekwestru de quo.*

b. *Sekondarjament, in kwantu għal Artikolu 836(1)(f), mhux evidenti x'inhuma ċ-"ċirkustanzi" li jimmeritaw li dawn il-mandat ta' sekwestru għandu jiġi rrevokat—anzi jidher li huwa kruċjali li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet ta' Dooga. Illi hemm skonessjoni assoluta bejn is-sottomissjonijiet fattwali (li sa issa ma huma ppruvati bl-ebda prova) u t-talba għar-revoka tal-mandat. Sal-lum il-ġurnata l-ebda ammonti ma ġew depożitati fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u għalhekk ċertament li huwa neċessarju, raġonevoli u ġustifikabbli li mandat ta' sekwestru jibqa' fis-seħħ sakemm ammonti ekwivalenti għall-ammont kawtelat jiġu depożitati r-Reġistru jew alternattivament garanzija ekwivalenti tiġi pprovduta minn PaySec.*

7. *Illi huwa kompletament immaterjali li Dooga intavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru wara li PaySec innotifikat lil Dooga b'Notice of Arbitration. Għall-benefiċċju ta' din l-Onorabbli Qorti, fit-28 ta' Frar 2018 PaySec mhux talli nnotifikat lil Dooga b'Notice of Arbitration, imma nnotifikata wkoll b'notice of termination mill-aktar stramba għax-xoljiment tal-Merchant Contract (For CUP Payments) (annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bħala Dokument DL4) u liema notice of termination tikkontjeni ħafna konġetturi u dikjarazzjonijiet invertieri—propju bħar-rikors de quo. PaySec ntavolat n-Notice of Arbitration maċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Malti 8 t'ijiem wara u fit-8 ta' Marzu 2018. Dooga ntavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat fit-2 ta' Marzu 2018 u purament sabiex jikkawtela uħud mill-pretensjonijiet fid-Demand for Arbitration u l-iStatement of Claim li kienet notifikata fuq PaySec fl-20 ta' Marzu 2018 u ntavolata fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Malti fil-21 ta'*

*Marzu 2018. Fi kwalunkwe każ u fl-14 ta' Frar 2018, Dooga kienet diġa għamlitha ċara lil PaySec li jekk il-flejjes ma jitħallsux Dooga "will have no option but to take all appropriate measures available to us" (anness ma' din ir-risposta u mmarkata bħala Dokument DL5). Għalhekk ċertament li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kellhu jkun xi sorpriża għal PaySec.*

8. *Illi Dooga sal-lum il-ġurnata qatt ma ġiet formalment notifikata bil-fatt li t-3 klijenti Ċiniżi talbu dak li preżumibilment PaySec qed tirreferi għalih bħala chargeback fil-premessi 9 u 10 tar-rikors de quo. Fi kwalunkwe każ anke li kieku sar dan ic-chargeback dan huwa kompletament immaterjali u PaySec tibqa' responsabbli li tgħaddi l-flejjes ai termini tal-Merchant Contract. PaySec qiegħda turi li kompletament ma fehmitx it-termini tal-Merchant Contract li ġew speċifikament negozjati u mħejja sabiex jeskludu kwalunkwe credit risk u/jew fraud risk fil-konfront ta' Dooga li huma relatati ma' tranżazzjonijiet li jinvolvu flejjes (EUR/CNY).*

*Frankament ma jikkonċernax lil Dooga jekk, kif allegat f'premessa 17, l-ammont ta' 225,362,383.24 CNY ma għadux (jekk qatt kien (!)) fil-pussess ta' PaySec u dan ċertament ma jagħmilx il-mandat ta' sekwestru b'xi mod mhux raġonevoli. L-ammont ta' 225,362,383.24 CNY huwa ċert, likwidu u dovut lil Dooga u għalhekk għandha kull dritt li teżerċita kull rimedju spettanti lilha fil-liġi sabiex tavanza u tikkawtela l-pretensjoni tagħha.*

9. *Illi l-ammont ta' €6,669,154.04, li qiegħed jinżamm minn PaySec b'ammissjoni tagħha stess, huwa ċert, likwidu u dovut lil Dooga, u għalhekk, PaySec qiegħda żżomm dawk il-flejjes b'mod illegali u bla ebda bażi ġuridika. PaySec għandha tħallas dan l-ammont dovut lil Dooga immedjatament jew tal-anqas turi l-buona fede tagħha u tpoġġi l-istess flejjes f'escrow ma' istituzzjoni independenti u ta' fama tajba jew tiddepożita l-istess fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili sakemm il-pretensjonijiet tal-partijiet rispettivi jinqatgħu mit-tribunal arbitrali li ser jiġi appuntat taħt l-awspiċi taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Malti. Dooga ma għandha l-ebda fiduċja fl-investigazzjonijiet u audits li allegatament qed isiru minn PaySec (li qatt ma ntweriet xi forma ta' prova li fil-verita' qed isiru) u ċertament Dooga ma għandhiex*

*tiddependi mill-ħniena ta' PaySec in kwantu meta dan l-ammont ta' €6,669,154.04, li huwa ċert, likwidu u dovut, ser effettivament jitħallas.*

10. *Illi, inkwantu għall-ħames talba għall-penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(d), hemm ġurisprudenza tal-Qrati nostrana assodata li tgħid li l-buona fede ta' min talab il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji hija preżunta u li l-malizzja u l-frivolita' għandha tiġi ppruvata u mhux sempliċiment allegata (Av. Ann Fenech noe v MY Whispering Angel—PA—5 ta' Ġunju 2015 u Dolores Vella v Peter Paul Vella—PA—25 ta' Ġunju 2014). **L-ebda prova ta' dan ma nġiebet minn PaySec**, u apparti minn hekk, **ma huwa evidenti xejn x'inhi n-natura malizzjuża, frivola u/jew vessatorja tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat de quo**. Aktar importanti minn hekk, fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru ingħata sfond fattwali u legali għall-pretensjoni ta' Dooga, aktar milli s-soltu jingħataw f'dan it-tip ta' rikors, u ġie anness wkoll kopja tal-Merchant Contract li huwa s-sors tad-dritt prima facie kkawtelat minn Dooga.*

11. *Illi in kwantu għall-ewwel u t-tieni talbiet, mhux evidenti x'inhi n-neċessita' sabiex dawn il-proċeduri jinstemu' bil-magħluq u sabiex l-aċċess għall-proċess ikun ristrett u fil-fatt is-soċjeta' sekwestranta topponi għal dawn it-talbiet. Illi lanqas ma huwa apparenti x'inhi r-"raguni tajba" li trid il-liġi sabiex jintlaqgħu dawn it-talbiet.*

*Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet u għal oħrajn li jistgħu jitressqu f'dawn il-proċeduri, is-soċjeta' sekwestranta Dooga titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha fir-rikors tas-soċjeta' sekwestrata PaySec tal-5 ta' April 2018, bl-ispejjeż.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***

***(a) Omisses;***

***(b) Omisses;***

***(c) Omisses;***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***(e) Omisses***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar ir-revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

*"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat <u>jekk jintwera</u>** li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

*"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll (“**Yorkie Clothing Industry Ltd” u “Calleja Cremona Dr. Lilian**” –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll “**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**” tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat;**

Kif jirrizulta mid-decizjoni fl-ismijiet **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart,** deciza min din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta’ Lulju 2005, il-htigijiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tottjeni l-hrug ta’ Mandat Kawtelatorju huma:

(a) li jkollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat;
(b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt;
(c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu; u
(d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu.

Is-socjeta sekwestrata talbet illi l-mandat in kwistjoni jigi rrevokat ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. F’dan ir-rigward, kif gie osservat fid-decizjoni fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart**, deciza minn din l-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta’ Lulju 2005, il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta’ Mandat kawtelatorju taht din il-kawzali [l-Artikolu 836(1)(d)] huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta’ l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok, jekk jirrizultax mad-daqqa t’ghajn, li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta’ pretensjoni (dak li f’oqsma ohra ta’ dritt jissejjah il-‘*fumus juris*’ tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex ‘jillikwida’ tali pretensjoni f’somma li taqbel ma’ l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m’ghandu qatt jinsa li f’dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li **d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m’ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b’leggerezza**, u l-iehor daqstant siewi, li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv minnha kontestat jigi definit minn Qorti.

Is-socjeta sekwestrata qed tibbaza t-talbiet taghha fuq allegazzjoni illi s-socjeta sekwestranti kkommetiet frodi billi holqot finta ta’ ***hacking*** sabiex wara li tliet individwi kienu diga ghaddew il-flus taghhom bhala hlas ghal *bitcoin* li riedu jixtru, ma jircievux il-*bitcoin* li kienu hallsu ghalihom. Is-socjeta sekwestrata allegat illi fir-rigward tas-somma ta’ circa €29,000,000, hija tinsab prekluza milli tghaddi l-istess flus lis-socjeta sekwestranta, u dan billi, skont hi,

dawn il-flus qed jinzammu minn Bank Ciniz minhabba dawn l-allegazzjonijiet ta' frodi. Fir-rigward tal-bqija tas-somma, u cioe l-ammont ta' €6,669,154.04, is-socjeta sekwestrata targumenta illi dan l-ammont kienet qed izommu in linja mal-Merchant Contract konkluz bejn il-partijiet, u dan ghaliex is-socjeta sekwestrana m'hijiex qed thalliha taghmel l-*audit* sabiex tinvestiga l-incident ta' *hacking,* li l-istess Merchant Contract jaghtiha dritt li taghmel. Targumenta illi l-mandat impunjat huwa sempliciment frivolu u vessatorju ghaliex is-socjeta sekwestranti ntavolatu biss b'pika, wara li s-socjeta sekwestrata ntavolat proceduri ta' Arbitragg kontra s-socjeta sekwestranti, u sabiex tipprova ggieghel lis-socjeta sekwestrata biex tasal ghal ftehim bonarju.

Il-Qorti rat illi ghalkemm is-socjeta sekwestrata ghamlet allegazzjoni serji ta' frodi pperpetrat mis-socjeta sekwestranti, **ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dan.** Kif din il-Qorti diga kellha l-opportunita li tirrileva fid-decizjoni fl-ismijiet **Claudine Xerri vs Maltaco Lotteries Limited** tat-3 ta' Meju 2018, ghalkemm huwa minnu illi l-ezami li jrid isir mill-Qorti huwa ristrett ghal *prima facie*, dan ma jfissirx illi d-decizjoni tal-Qorti tista' tkun ibbazata fuq meri allegazzjonijiet u kongetturi. Dan *multo magis* meta dawn l-allegazzjoni u kongetturi jkunu jittrattaw allegazzjoni daqstant gravi ta' frodi ta' ammonti plurimiljunarji. Il-Qorti rat illi s-socjeta sekwestrata lanqas biss imqar ipproduciet xhud sabiex jispjega taht gurament ghal liema raguni s-socjeta sekwestrata ghandha dan is-suspett illi s-socjeta sekwestranti hija hatja ta' frodi, jew komplicita fi frodi. Dak li hu zgur huwa, li la l-kontenut tar-rikors ghar-revoka, u lanqas it-trattazzjoni ma jsarfu fi provi li jistghu jissorreggu l-pretensjonijiet tas-socjeta sekwestrata. Il-Qorti tirrileva illi huwa kemmxejn stramb illi s-socjeta sekwestrata ma hassietx il-htiega li tipproduci imqar prova wahda sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti fuq bazi ta' *prima facie* illi t-talba taghha timmerita li tigi milqugha.

Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm is-socjeta sekwestrata argumentat illi l-mandat impunjat gie ntavolat mis-socjeta sekwestranta biss b'pika u b'attentat ta' *arm twisting*, wara li s-socjeta sekwestrata giet notifikata bl-Arbitragg intavolat mis-socjeta sekwestrata, il-Qorti rat illi fil-verita, mhux biss is-socjeta sekwestranti kienet diga nnotifikat lis-socjeta sekwestrata illi kienet ser tiehu azzjoni kontra taghha jekk ma taffetwax il-pagament, u dan fl-14 ta' Frar 2018, izda wkoll is-socjeta sekwestranti kienet giet innotifikata mis-socjeta sekwestrata fit-28 ta' Frar 2018 illi s-socjeta sekwestrata kienet ser tittermina il-Merchant Contract. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jirrizulta almenu *prima facie* illi s-socjeta sekwestranta **wriet li kellha raguni legittima** ghalfejn tipprocedi sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, haga li kienet diga ilha li

wissiet lis-socjeta sekwestrata li ha taghmel jekk il-hlas jibqa' ma jsirx. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward jidher illi l-allegazzjoni tas-socjeta sekwestrata hija nfondata, u dan billi mhux biss is-socjeta sekwestrata ma resqet l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni taghha, izda anke billi s-socjeta sekwestranta **resqet provi li jikkontradicu, almenu fuq bazi *prima facie*,** l-allegazzjonijiet tas-socjeta sekwestrata.

Fir-rigward tal-argument tas-socjeta sekwestrata illi s-socjeta sekwestranti bbazat ir-risposta taghha fuq allegazzjoni ta' kolluzjoni u frodi da parti tas-socjeta sekwestrata, liema allegazzjonijiet ma sarux fl-Arbitragg u rigward liema ma ngabu ebda provi, il-Qorti, wara li rat ir-risposta ntavolata mis-socjeta sekwestranti, u wara li semghat it-trattazzjoni mill-abbli avukat difensur taghha, **taghraf illi dan l-argument huwa kompletament nfondat**. Mir-risposta ghar-rikors tas-socjeta sekwestrata jidher car illi s-socjeta sekwestranti qed tibbaza t-talba taghha fuq il-Merchant Contract konkluz bejn il-partijiet u fuq id-dritt *prima facie* taghha illi tircievi l-flus li thallsu mit-tlett individwi koncernati lis-socjeta sekwestrata a beneficcju tas-socjeta sekwestranti. Ghalkemm huwa minnu illi s-socjeta sekwestranta taghmel referenza ghall-allegazzjoniijiet ta' frodi u kolluzjoni da parti tas-socjeta sekwestrata, fil-fehma tal-Qorti jidher car mir-risposta illi din l-allegazzjoni m'hijiex il-bazi tal-pretensjoni taghha. Minflok, kemm mit-talba ghal hrug tal-mandat, u kif ukoll mir-risposta, jirrizulta li t-talba tas-socjeta sekwestranti ghal hrug tal-mandat impunjat, u l-pretensjoni maghmula fl-Arbitragg, hija bbazata fuq il-kuntratt u l-obbligazzjonijiet kontrattwali naxxenti minnu. Il-Qorti taghraf illi s-socjeta sekwestranti lanqas biss talbet ammont ulterjuri biex jikkawtela t-talba taghha fl-Arbitragg ghal **hlas tad-danni**, izda llimitat il-mandat biss ghal dak l-ammont li *prima facie* jirrizulta li kellha tircievi minghand is-socjeta sekwestrata. Dan il-fatt fil-fehma tal-Qorti juri li l-allegazzjoni tas-socjeta sekwestrata illi l-mandat impunjat sar b'malizja u pika, hija ghal kollox infondata.

Il-Qorti rat inoltre illi ghalkemm is-socjeta sekwestrata tallega li s-somma ta' cirka €29,000,000 qed tigi mizmuma mill-Bank Ciniz illi hareg il-flus ghal hlas tal-*bitcoins*, l-ebda prova ta' dan ma ngabet, meta dan il-fatt seta' facilment jigi provat mis-socjeta sekwestrata, fuq bazi ta' *prima facie*, imqar permezz tad-dokument ta' notifika li rcievet mill-bank li dawn il-flus qeghdin jinzammu minnu. Barra minn hekk, il-Qorti rat illi ghalkemm is-socjeta sekwestrata *ex admissis* ghadha fil-pussess tas-somma ta' €6,669,154.04, l-ebda ammont ma gie depozitat fil-Qorti minn xi bank innotifikat bil-mandat impunjat, fatt illi jkompli jsostni

*prima facie* l-biza' tas-socjeta sekwestranta u ghalhekk ikompli wkoll jiggustifika is-sosteniment tal-mandat impunjat.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata qed titlob ukoll illi jigu mposti fuq is-socjeta sekwestranta penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8) hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[1] L-Artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12 huwa ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[2]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi, u cioe:-

(a) *jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

(b) *jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

---

[1] Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[2] Joseph Tabone vs Capece Construction Limited, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; Joseph Rapa vs Raymond Sammut, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.

*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fir-rigward tas-sub-inciz (d) intqal illi l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi provat.[3] Ghalhekk min jissolleva l-malizja u l-frivolita, jehtieg illi jipprovahom.[4]

Il-Qorti diga sabet illi il-hrug ta' dan il-mandat kien gustifikat u li ma tirrizultax il-malizija jew vessatorjeta reklamata mis-socjeta sekwestrata. Ghalhekk, il-Qorti tqis illi galadarba jirrizulta *prima facie* illi hemm ragunijiet validi u sufficjenti ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, m'hemm l-ebda lok ghal hlas ta' penali minn naha tas-socjeta sekwestranti.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata talbet ukoll illi din il-Qorti tordna u tikkundanna lis-socjeta sekwestranti sabiex tagħti garanzija xierqa lis-socjeta sekwestrata għall-ħlas tal-penali u għal kwalunkwe spejjeż, danni u interessi ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll sabiex tordna illi, f' każ li din is-sigurta' mhijiex mogħtijia entro t-terminu ffissat, il-mandat ta' sekwestru relattiv għandu jiġi rexiss.

Kif inghad fis-sentenza **Zarb vs Port Cottonera Limited** deciza fit-18 ta' Settembru 2002,

> "[i]*l-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi.*"

[3] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[4] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014.

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Darmanin vs Cachia et** deciza fil-31 ta' Lulju 2007 illi:

> ***"…minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."***

Il-Qorti tqis lli f'dan il-kaz ma ntwerietx kawza gusta ghall-imposizzjoni tal-mandat, u filfatt *prima facie* jirrizulta li s-socjeta sekwestranta sempliciment qed taghmel uzu minn dritt koncess minnha mill-ligi, u dan fil-parametri permessi mill-ligi stess.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' limitatament it-tieni talba billi t-tordna li l-ismijiet ta' tat-terzi persuni msemmija fl-atti jigu mistura, u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tas-socjeta sekwestrata peress illi din giet sorvolata kif jirrizulta mill-verbal tal-20 ta' April 2018, tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta sekwestrata.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta sekwestrata.

**Moqri llum l-Erbgha 9 ta' Mejju 2018**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**